**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, it-Tlieta, tmienja (8) ta' Ottubru 2024

Kawża Nru 364/2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

vs

**Jonathan Bajada**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Jonathan Bajada**, iben Peter Paul u Angela xebba Portelli, imwieled nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu 1990 fir-Rabat, Għawdex u residenti 6, "Angel", Triq il-Kunċizzjoni, Qala, Għawdex detentur tal-karta tal-identita numru 12790(G) talli nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu 2023 bejn it-tlieta (15:00hrs) u l-ħamsa

ta' wara nofsinhar (17:00hrs) ġewwa l-Gozo Stadium, fi Triq l-Imġarr, Xewkija, Għawdex:

(1) filwaqt li kien dieħel fi ground tal-Isports, filwaqt li kien qiegħed hemmhekk jew kien ħiereġ minn hemm ġab ruħu b'mod li jikser il-bon ordni;[1]

(2) u aktar talli fl-istess, data, lok, ħin u ċirkostanzi filwaqt li kien dieħel fi ground tal-isports, filwaqt li kien qiegħed hemm jew kien ħiereġ minn hemm, uża kliem offensiv jew ġab ruħu abbużivament;[2]

(3) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.[3]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, tipprojbixxi lil Jonathan Bajada milli jattendi f'xi ground tal-isports għall-perijodu li l-Qorti jidhrilha xieraq, ai termini tar-regolament numru 9(2) tal-Liġi Sussidjarja 10.33 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3)

---

[1] Regolament 6(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 10.33
[2] Regolament 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 10.33
[3] Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9

tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tas-sebgħa (7) ta' Marzu 2024, il-Prosekuzzjoni u d-Difiża eżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' x-xhieda prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jerġgħu jiġu sottomessi d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat il-provi kollha miġbura inkluż wkoll ix-xhieda li iddeponew quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda li iddeponew quddiemha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti f'dan il-każ huma brevement is-segwenti: nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu 2023 fit-tlieta u ta' wara nofsinhar (15:00hrs) bdiet tintlagħab logħba tal-football fil-Gozo Stadium bejn Xewkija Tigers u Qala Saints. F'punt minnhom ir-referee tal-logħba ħassar goal li ġie skorjat minn Qala Saints. Kif ra hekk persuna – li fir-rapport li sar lill-Pulizija ġie indikat li kien ċertu Jonathan Bajada – beda joffendi u jgħid kliem abbużiv fil-konfront tal-uffiċjali tal-logħba. Huwa ġie innutat mir-*referee observer* u dan ġibed l-attenzjoni tas-security li kien hemm u

imbagħad daħlet il-Pulizija fin-nofs. Għalkemm il-Pulizija li kien hemm preżenti avviċinaw lil din il-persuna, huwa xorta baqa' jgħajjat u jidgħi. Min-naħa tagħha l-Gozo Football Association għamlet rapport dwar dan kollu u għaddietu lill-Pulizija. Il-Pulizija imbagħad ipproċedew kriminalment kontra l-akkużat.

Ikkunsidrat:

Huwa ben saput li fi proċeduri penali, il-Prosekuzzjoni għandha d-dmir li tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Hija trid tosserva dik li hija magħrufa bħala l-*best evidence rule* u ċioe li tippreżenta l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret sabiex tilħaq il-grad tal-prova rikjest għall-fini ta' sejbien ta' ħtija.

L-unika xhud okulari tal-akkadut li tressaq kien Joseph Mizzi. Għalkemm fix-xhieda tiegħu dan ix-xhud jindika li kien hemm persuna li kien qed jidgħi u fir-rapport tiegħu isemmi lil ċertu Jonathan Bajada, ix-xhud **<u>ma identifikax lill-akkużat</u>** bħala l-persuna li kien hemm dakinhar fil-ground u li kien qiegħed jidgħi. Infatti fuq mistoqsija speċifika tal-Qorti diversament preseduta jekk il-persuna li sema' jidgħi kienx qiegħed fl-awla dakinhar li huwa kien qed jixhed, dan ix-xhud iwieġeb li le.[4] Xehdu wkoll żewġ persuni oħra in konnessjoni ma' dan il-każ: Carmel Zammit u Tony Grech. Kemm Zammit kif wkoll Grech pero ma kinux fil-ground

---

[4] Fol. 26.

meta seħħ il-każ u infatti fix-xhieda tagħhom ma tefgħu assolutament l-ebda dawl fuq l-akkadut.

Għalkemm ġew preżentati filmati CCTV, mill-atti ma jirriżultax minn elevahom. In oltre dawn il-filmati lanqas ma ġew konfermati bil-ġurament. Għalkemm l-Ispettur Josef Gauci jagħmel riferenza għal dawn il-filmati fl-affidavit tiegħu, ma jidhirx li kien hu personalment li elevahom. Tal-anqas il-Prosekuzzjoni kienet obbligata li tressaq bħala prova lil dak l-uffiċjal tal-Pulizija jew lil dik il-persuna li mar jeleva l-filmati biex huwa jkun jista' jikkonferma l-veraċita tal-istess. Il-Prosekuzzjoni dan m'għamlitux. Dan apparti l-fatt li f'xi wħud mill-filmati s-*sound* ma jinstema' xejn u għalhekk anke li kieku kienu ammissibbli bħala prova kien se jkun hemm l-impossibilita biex wieħed jidentifika l-kliem abbużiv li intqal.

Il-Qorti tinnota wkoll li mir-rapport ta' Joseph Mizzi, jirriżulta li kien hemm aktar xhieda okulari ta' dan il-każ. Dawn kienu security guard kif wkoll uffiċjal tal-Pulizija. Dawn baqgħu ma xehdux f'dawn il-proċeduri; anzi lanqas biss ġie stabbilit min kienu dawn il-persuni u għalhekk anke li kieku l-Prosekuzzjoni riedet itellagħhom bħala xhieda, hija kienet fl-impossibilita li tagħmel dan.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk mingħajr tlaqliq jingħad li ma inġabet l-ebda prova li torbot lill-akkużat ma' xi waħda jew aktar mill-akkużi li qegħdin

jiġu addebitati lilu.  Il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-każ tagħha sal-grad li trid il-liġi u għalhekk din il-Qorti trid bil-fors tillibera.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati</u>** tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tilliberah minn kull ħtija u piena.

(ft) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Ghar-Reġistratur